# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 444/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Marlon Grech**

Seduta tas-26 t'April, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Marlon Grech, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 115485M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-16 ta' Marzu 2014 ghall-habta tal-16:20hrs waqt li kien qieghed isuq vettura b'numru ta' registrazzjoni HBH-997 fi Triq Sir Luigi Preziosi, San Pawl il-Bahar: (1) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna lil Charlene Banks feriti [recte: offizi] ta' natura hafifa skont kif iccertifika Dr. Karl Cutajar MD reg 3475 mill-isptar Mater Dei; u (2) talli saq l-imsemmija vettura bla kont. Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Charlene

Banks (Kap 9 sec 383) u sabiex tiskwalifika lil Marlon Grech minn kull licenzja ghal zmien li jidhrilha li hu xieraq (Kap 65 sec 15 (2)(3));

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' Ottubru, 2015 li biha sabet lill-imputat Marlon Grech hati tat-tieni imputazzjoni u ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitejn ewro (€200) u ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tmint (8) ijiem filwaqt li illiberatu mill-ewwel imputazzjoni stante li din kienet preskritta;

Rat ir-rikors tal-appellant Marlon Grech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel akkuza u tirrevoka, thassar u tannulla dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza tal-ewwel Qorti bil-gravami illi jistghu ikunu maghquda f'argument wiehed li

l-provi migjuba ma setghux iwasslu ghal sejbien ta' htija fil-konfront tieghu. Ghal dan il-ghan jehtieg li jsir apprezzament approfondit tal-provi sabiex ikun deciz jekk il-Qorti tal-ewwel grad setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

2. Dan l-ezercizzju llum jippresta certu diffikulta ghaliex il-prosekuzzjoni rrinunzjat ghall-produzzjoni tax-xhieda taghha li ddeponew fil-Prim'istanza wara li dawn apparentement emigraw. Issa, skond l-affidavit ta' WPS 274 il-Pulizija li msejhin sabiex jipprestaw l-assistenza taghhom stante li kien hemm xi argument fi triq, tkellmu ma' Charlene Banks, li dakinhar kienet tqila, li infurmathom li kienet ghadha kemm ittajret minn Marlon Grech. Sabiex tevita li Grech jiehu lill-binthom ghaliex kellu riha ta' xorb, marret quddiem il-vettura tieghu izda hu saq xorta wahda u hi spiccat fuq il-bonnet u kompla jsuq minn naha ghall-ohra izda baqghet imwahhla fuq il-bonnet. Minkejja dan ma kellhiex offizi fuqha u rrifjutat li tingieb ambulanza. Grech ittiehed l-ghassa, sarlu test tan-nifs li rrizulta negattiv;

3. L-appellant xehed quddiem din il-Qorti u spjega li din kienet sitwazzjoni li tirrepeti ruhha ta' spiss fejn il-kwerelanta tirrifjuta li taghtih it-tifla in adempiment tad-dritt tieghu ta' access. Izda, dakinhar, wara li bhas-soltu akkuzatu li kien xorob xorta wahda ha lit-tifla u qeghdha fil-karozza fejn kien hemm ukoll is-siehba tieghu u binha izda malli beda jsuq il-kwerelanta qabzitlu fuq il-bonnett u lahaq saq. L-istess verzjoni inghatat minn Chantelle Bugeja;

4. Kwantu ghall-ewwel argument tal-appellant li ma kellux jinsab hati ghaliex il-prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova tal-vettura li kien qed isuq, din qed titqies bhala wahda fierha;

5. Kif gia inghad, din il-Qorti m' ghandiex il-beneficcju li kellha l-ewwel Qorti li tisma lill-kwerelanta, lill-ommha u lit-terz l-iehor. Ghalhekk l-ezami tal-fatti huwa naturalment ristrett. Ic-certifikat mediku prezentat mill-kwerelanta lill-ewwel Qorti ma jindika ebda

offizi fuq il-persuna taghha. Dan ic-certifikat jindika li l-pazjenta pprezentat ruhha bhala persuna appena involuta f'incident tat-traffiku u minkejja dan ma kien hemm xejn li gibed l-attenzjoni tat-tabib li din kellha xi offiza fuq il-persuna taghha anke jekk nnota li dawn il-griehi, li ma qalx x'inhuma, huma ta' natura hafifa;

6. L-ewwel Qorti kienet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet u kien fid-dritt li taghzel verzjoni minn ohra izda ghal din il-Qorti, il-verzjoni tal-kwerelanta, anke jekk xehedet illi l-appellant tajjarha, giet fuq il-bonnet u saq biha b'kollox ghall-mitt metru, kif nnutat il-Magistrat decident fin-notamenti taghha, hija verzjoni inverosimili ghall-ahhar u l-fatti kif fuq esposti juru proprju il-kuntrarju;

7. Hija ghalhekk il-fehma ta' din il-Qorti illi l-fatti ma setghux ragjonevolment iwasslu ghal sejbien ta' htija;

8. Ghal dawn il-motivi, tilqa l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u minnu lliberatu u thassaraha f'dik il-parti li fiha sabitu hati tal-tieni imputazzjoni, kkundanntu ghal-multa ta' €200 u ssospendietu mill-licenzja tas-sewqan ghal-perjodu ta' tmient ijiem u minflok, ma ssibux hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha.